# Festa Abbatini 2k19

Nhar il-Ħadd 19 Mejju, is-Seminarju organizza attività fuq iz-zuntier tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu bl-isem Festa Abbatini. Kienet tinkludi fost l-oħrajn mument ta' tagħlim u talb. Imbagħad ġie organizzat ukoll logħob, attrazzjonijiet ta' divertiment u wkoll ikel għall-gruppi tal-abbatini Għawdxin u l-familji tagħhom. L-attività bdiet billi l-abbatini nġabru quddiem is-Santwarju. Ġie mtella' dramm qasir b'episodju mill-ħajja ta' San Ġwann Bosco. Imbagħad ġiet imħabbra silta mill-Vanġelu dwar ommna Marija. Wara l-Evanġelu saret spjega qasira fejn il-messaġġ kien li bħalma ħafna tfal sabu f'Don Bosco missier, hekk ukoll f'Marija aħna nsibu omm. Wara sar diskors qasir mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Il-laqgħa spiċċat fil-kappella l-antika bit-talb ta' tliet Ave Marija, skont ix-xewqa li Marija esprimiet lill-Karmni Grima fl-istess post imsemmi. Fost l-attrazzjonijiet li saru kien hemm il-kant mill-kor tat-tfal Madonna tas-Sokkors, ta' Kerċem, bosta logħob organizzat bħal street basketball u street football, kif ukoll attivitajiet interessanti oħra bħall-clay modelling u t-tqegħid ta' możajk.











sem&u

Ġunju 2019
Ħarġa nru 12

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt

## Kunu Perfetti

### Mill-Omelija ta' Mons. Isqof fi tmiem is-Sena ta' Formazzjoni

Meta fil-Vanġelu jistedinna biex inkunu "perfetti kif huwa perfett Missierkom li hu fis-Smewwiet" (Mt 5:48), Ġesù qed jgħidilna biex f'ħajjitna dejjem nippruvaw inkunu aħjar milli aħna. Ġesù ma jridniex inkunu medjokri, imma għandna nfittxu nikbru gradwalment. Il-ħajja hija proċess ta' maturazzjoni u għalhekk il-bniedem ma jistax jistalla, jintefa jew jintrema. Ma nistgħux nikkuntentaw ruħna bil-ftit jew inkunu sodisfatti li nitkaxkru. Importanti li jkollna ideali għolja u mhux inbaxxu l-aspettattivi. Ħażin min jirraġuna li biżżejjed għalih jekk fil-ħajja jġib *pass mark* u għalhekk ma jistinkax biex jilħaq livelli ogħla.

Is-snin tal-formazzjoni fis-Seminarju għandhom dan l-għan: li jgħinu lis-seminarista, li huwa saċerdot futur, biex jimmatura umanament, spiritwalment, akkademikament u pastoralment. Jekk seminarista jibqa' lura f'xi waħda minn dawn l-erba' dimensjonijiet, hemm riskju serju li jkun saċerdot ta' nofs kedda. Jien kuntent ħafna bis-saċerdoti li jiffurmaw il-*formation team* fis-Seminarju tagħna għax jagħmlu ħilithom biex jakkumpanjaw u jistimulaw lis-seminaristi biex jimxu 'l quddiem fl-erba' aspetti li semmejt. Huwa dmir tagħhom li perjodikament jagħmlu valutazzjoni tal-progress li jkun qed jagħmel is-seminarista, b'hekk jgħinuh ikompli jindirizza ruħu. Xi drabi din l-għajnuna taf tkun providenzjali, għax ikun hemm min ma jintebaħx li mhux qed jagħmel progress jew, agħar minn hekk, li jkun sejjer lura!

Meta llum qegħdin nikkonkludu s-Sena formattiva, nistieden lilkom, seminaristi, biex tagħmlu eżami tal-kuxjenza u taraw fejn kbirtu u fejn intfajtu lura. Nagħti xi indikazzjonijiet. Fil-ħajja spiritwali wieħed jista' jistaqsi jekk kibirx fir-relazzjoni tiegħu ma' Ġesù, jekk it-talb li jgħid għadux biss talb skedat jew sarx mumenti ta' intimità ma' Ġesù. Fir-rigward tal-istudji teoloġiċi wieħed ma jistax ikun kuntent li sempliċement jgħaddi jew jgħadduh (!), imma jrid ikebbes fih l-interess għar-riċerka u t-tagħlim. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ħidma pastorali tajjeb li wieħed jeżamina jekk rawwamx fih il-passjoni u ħeġġa għal Kristu u l-bnedmin! L-istess stħarriġ wieħed għandu jagħmlu dwar il-maturazzjoni umana u dwar ir-relazzjonijiet interpersonali u komunitarji. Huwa fatt li min ma għandux interess li jkun "perfett" ser ikun seminarista/saċerdot ta' nofs kedda.

Il-kelma "perfetti" ġejja mil-Latin *perficere* fis-sens li wieħed itemm jew iwassal għall-milja proġett. Imma dan l-aħħar kont qed naqra li l-frażi "kunu perfetti" nistgħu ninterpretawha b'mod passiv, fis-sens: *Ħalli lil Alla jagħmlek perfett – jagħmlek sħiħ*. Dan ifisser li meta Ġesù qed jgħidilna biex inkunu "perfetti kif huwa perfett Missierkom", qed jistedinna biex inħallu lil Alla jkompli jħobbna sakemm nimtlew bi mħabbtu – sakemm nimtlew bl-Ispirtu s-Santu li bħal nar *isajjarna*! Fil-fatt, aħna mhux ser insiru perfetti jew maturi bil-ħila tal-isforzi tagħna biss, imma bil-qawwa tal-grazzja ta' Alla. Jingħad li darba Santa Katerina ta' Siena semgħet lil Ġesù jgħidilha: "Inti iftaħ qalbek u jien ngħaddi minnek bħal xmara". Fi kliem ieħor, "kunu perfetti" jfisser "ħejji qalbek" biex l-Ispirtu ta' Alla jissawwab fiha! Għalhekk dan il-proċess ta' maturazzjoni għandu jkun assolutament akkumpanjat b'ħajja spiritwali intensa.

**Mario Grech**
*Isqof ta' Għawdex*



# Mill-Għatba 'l Ġewwa...

Nhar it-Tlieta 30 ta' April, irritornat lura s-Seminarju l-istatwa ta' San Ġużepp, wara xogħolijiet ta' restawr mill-*Atelier Del Restauro*.



L-għada, l-Erbgħa 1 ta' Mejju, bħala komunità tas-Seminarju ċċelebrajnal-festa ta' **San Ġużepp Ħaddiem**, b'quddiesa kantata u bil-kant tat-Tieni Għasar. Sar ukoll ħsieb tal-festa u l-kant tal-Antifona. Filgħaxija, saret preżentazzjoni tax-xogħolijiet ta' restawr fuq l-istatwa ta' San Ġużepp mid-diretturi tal-Atelier Del Restauro.

Bejn is-Sibt 4 u l-Ħadd 5 ta' Mejju, l-komunità ingabret fid-dar tas-sorijiet Salesjani f'Marsalforn għall-***Human Formation Weekend***. Dan tmexxa minn Dun Daniel Sultana u Dun Joseph Farrugia. It-tema kienet il-Paternità.

L-Erbgħa 8 ta'Mejju, saret laqgħa ta' formazzjoni mill-Prof. Joseph Pirotta dwar **il-kunflitt politiku-reliġjuż** f'Malta matul is-seklu għoxrin.

L-Erbgħa 15 ta' Mejju sar **każ morali** dwar id-dritt tal-propjetà privata li tmexxa minn Mons. Anton Borg.

Bħalma jsir kull tielet Ħamis tax-xahar, nhar il-Ħamis 16 ta' Mejju, l-komunità tas-Seminarju ngabret għat-**talb mas-sorijiet Klarissi** fil-monasteru tagħhom. Peress li dan kien l-aħħar mument ta' talb għal din is-sena akkademika, wara bqajna fil-monasteru għall-kolazjon u għall-mument ta' fraternità flimkien.

Nhar is-Sibt 18 ta' Mejju sar **pellegrinaġġ lejn is-Santwarju Ta' Pinu**. Dan il-pellegrinaġġ intemm b'quddiesa fil-kappella l-antika tas-santwarju, li fiha s-seminarista Mario Mercieca għamel il-**weghdiet** tiegħu bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Djakonali.

Il-Ħadd 19 ta' Mejju filgħaxija, il-komunità tas-Seminarju flimkien mad-Djoċesi organizzat **Festa Abbatini 2k19** fuq iz-zuntier tas-Santwarju ta' Pinu. Din l-attività kienet tinkludi dramm qasir u mument ta' talb, fl-okkażżjoni tas-Sena Marjana. Wara ġew organizzati diversi logħob, *workshops* u ikel.

Nhar l-Erbgħa 22 ta' Mejju **ġew fi tmiemhom il-laqgħat tal-ministeri**. Dawn il-laqgħat ta' formazzjoni għas-seminaristi kienu jsiru kull nhar ta' Erbgħa. Din is-sena t-temi kienu il-virtujiet tal-imħabba u tal-ubbidjenza. 0

L-Erbgħa 29 ta' Mejju, **ġie fi tmiemu t-tieni semestru**. Għaldaqstant, fl-ewwel ġimgħat ta' Ġunju, s-seminaristi kellhom l-eżamijiet.

Nhar l-Erbgħa 5 ta' Ġunju, fl-okkażżjoni tal-Sena Marjana, il-komunità attendiet u għamlet servizz fil-Quddiesa li fiha sar **l-Att ta' Affidament tad-Djoċesi lill-Madonna ta' Pinu.**

Nhar il-Ħadd 9 ta' Ġunju, is-seminaristi attendew u animaw bil-kant il-quddiesa tal-**għoti tal-lettorat** ta' Bro. Etienne Gilson, li qed jirċievi l-formazzjoni akkademika tiegħu fis-Seminarju.

Il-Ħamis 13 ta' Ġunju, fil-grawnd tas-Seminarju Minuri saret **il-Velja ta' talb** bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Presbiterali ta' Patri Elija ta' Ġesù Msallab OCD (Michael Mifsud) u l-Ordinazzjoni Djakonali tas-seminarista Mario Mercieca. L-adorazzjoni kompliet matul il-lejl fil-Kappella tas-Seminarju.

Il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju, Mons. Isqof Mario Grech ordna bħala **saċerdot lill-Patri Elija ta' Ġesù Msallab OCD** (Michael Mifsud) u **lis-seminarista Mario Mercieca** bħala **djaknu**, ġewwa l-Katidral.



It-Tlieta 18 ta' Ġunju, **ġiet fi tmiemha is-sena ta' formazzjoni 2018-2019** permezz tal-quddiesa għall-familjari, immexxija minn Mons. Isqof. Wara dan is-seminaristi bdew il-**vaganzi tas-sajf**. F'dan il-perjodu huma jistrieħu, iqattgħu aktar ħin mal-familjari tagħhom, ikunu preżenti aktar fil-parroċċi, u jagħmlu xi esperjenzi ta' volontarjat.

## *Il-Komunità tas-Seminarju*

tawgura lil Patri Elija ta' Ġesù Msallab OCD (Michael Mifsud) fl-okkażjoni tal-Ordinazzjoni Presbiterali;
lid-Djaknu Mario Mercieca fl-okkażjoni tal-Ordinazzjoni Djakonali;
u lil Bro. Etienne Gilson fl-għoti tal-ministeru tal-Lettorat.

# Mill-Eku tas-Sena Intermedjarja

Seminarista **Gabriel Vella**

## Nitperrċu biex niskopru!

Il-verb *perreċ* bl-ingliż huwa *to ventilate* li għandu żewġ tifsiriet prinċipali: li tagħti l-possibilità lill-arja tidħol u tiċċirkola f'xi post bil-kaġun li tieħu post l-arja qadima li jkun hemm qabel; u li tagħti l-possibilità għal diskussjoni u eżaminazzjoni profonda. Fl-opinjoni tiegħi dan il-verb jiddeskrivi b'mod tajjeb ħafna ir-raġuni għalfejn teżisti s-sena barra mis-Seminarju li s-seminarista jagħmel fir-raba' sena ta' formazzjoni tiegħu.



Dan it-tperriċ huwa differenti mit-tperriċ li tirreferi għalih il-frażi "Titperriċx iżżejjed għax tlaqqat xi riħ tista'" li minjaf kemm-il darba smajna f'ħajjitna! Għalfejn? Għax dan it-tperriċ filwaqt li huwa motivat u sostnut minn min jagħmlu u mill-grazzja ta' Alla għandu l-għan li jfittex u jiskopri dak li hemm fil-fond tal-qalb filwaqt li jġedded lill-persuna fit-totalità tagħha. Sabiex wieħed - seminarista jew anke int li qed taqra dan il-fuljett - jiskopri dak li hemm fil-fond ta' qalbu jiġifieri l-problemi, l-emozzjonijiet, ix-xewqat u l-ħolm jeħtieġ:

- **li jtajjar minn fuqu dak li hu tas-soltu u jżomm biss l-essenzjal għax il-piż żejjed jista' jtellef;**
- **li jagħti l-possibilità lill-Kelma ta' Alla sabiex tidħol u tiċċirkola fih;**
- **li jiddiskuti u jeżamina lilu nnifsu;**
- **li jikkonfronta lilu nnifsu ma' oħrajn;**
- **li jkun akkumpanjat biex ma jaqax u jekk jaqa' jerġa' jqum;**
- **fi kliem ieħor jeħtieġ li jitperreċ!**



Li nista' ngħidlek - għax jien għaddej minnu bħalissa - hu li mhux faċli tagħmel dan kollu imma nista' nassigurak li kif jgħidu t-taljani *ne vale la pena* jew l-ingliżi *it's worth it*. Għalfejn? Għax it-tperriċ tiegħi nnifsi filwaqt li qed ilaqqgħani ma' ħafna esperjenzi sbieħ qed ilaqqgħani miegħi nnifsi, ma' dak li hemm fil-fond tal-fond ta' qalbi. Fil-kas tiegħi ninsab imperreċ f'Modena filwaqt li qed ngħix ma' komunità ta' saċerdoti djoċesani u nagħti s-sehem tiegħi f'uħud mir-realtajiet tal-parroċċa ta' Castelnuovo Rangone.

Aktarx ikun hemm min jistaqsini: "x'għandi bżonn biex nitperreċ?" **Kuraġġ, rieda, paċenzja, flessibilità, determinazzjoni u fidi f'Alla li Hu preżenti miegħek kull ħin u kull mument.** Minn qalbi nawguralek u nitlob għalik filwaqt li nitolbok iżżommni f'talbek.

